MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 7/2001/3

**Leonard u Josephine Calleja**

**vs**

**Vestru Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Leonard u Josephine Calleja (ID Nru: 877053(M) u 533158(M) rispettivament) datat 23 ta' Lulju 2010 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija fil-25 ta' Gunju 2010, illi rrevokat is-sentenza li nghatat mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' fid-19 ta' Jannar 2010 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, gie deciz illi ghandhom jigu respinti t-talbiet migjuba fir-rikors promotur u ghaldaqstant

ma gietx akkordata r-ripreza tar-raba' *de quo* bl-ispejjez kollha tal-kawza jitbatew fi kwoti indaqs bejn il-partijiet.

Illi l-esponenti qeghdin jipprocedu quddiem din l-Onorabbli Qorti permezz ta' din l-istanza ghas-smigh mill-gdid tal-kawza odjerna deciza definittivament fil-25 ta' Gunju 2010.

Illi l-esponenti qeghdin jipprezentaw din it-talba ghar-ritrattazzjoni a bazi tal-provvedimenti tal-**artikolu 811 (e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi permezz tar-rikors promotur taghhom l-esponenti, filwaqt illi ppermettew :

"Illi huma jikru lill-intimat Vestru Agius ir-raba' maghrufa bhala 'Habel tas-Saqwi' fil-limiti tar-Rabat, tal-kejl circa sitt itmiem bil-kera ta' tmien liri (Lm8) fis-sena, l-iskadenza li jmiss taghlaq fil-15 ta' Awissu, 2001.

Illi huma ghandhom bzonn l-istes raba' ghall-uzu taghhom billi huma bdiewa *'full-time'* u ghandhom bzonnu ghall-ghixjien taghhom u hekk ir-raba' jithalla f'idejn l-intimat r-rikorrenti ha jsofru pregudizzju aktar minn dak tal-intimat."

Illi talbu illi jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess ta' 'l fuq imsemmi raba', jigi ordnat l-izgumbrament tal-intimat mill-istess raba' u jigi likwidat kwalsiasi kumpens dovut lill-istess intimat in konnessjoni mal-istess zgumbrament.

Illi l-intimat oppona ghal din it-talba billi "in linea preliminari l-azzjoni hija irritwali *stante* li l-azzjoni ma gietx preceduta minn interpellanza skont il-ligi;" u "subordinament u minghajr pregudizzju, l-esponent huwa bidwi *full-time* u l-uniku mezz t'ghajxien tieghu huwa mill-biedja u kwindi jekk jigi zgumbrat mill-ghalqa se jsoffri pregudizzju aktar milli issofru l-imsemmija Leonard u Josephine Calleja". Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fid-19 ta' Jannar 2010, l-Onorabbli Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' iddecieda billi laqa' t-talba tar-rikorrenti u awtorizzhom jirriprendu r-raba' deskritt wara l-15 ta'

Awwissu 2010, u *stante* illi ma kien hemm l-ebda benefikat f'dan ir-raba' ma akkorda l-ebda kumpens lill-intimat.

Illi l-intimat interpona appell minn din is-sentenza fejn talab ir-revoka tal-istess sentenza u finalment jigu respinti t-talbiet rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti.

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi giet deciza finalment minn din l-Onorabbli Qorti fil-25 ta' Gunju 2010 u minnha qed jigi interpost dan ir-rikors ghar-ritrattazzjoni.

L-esponenti jissottomettu bir-rispett illi bis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti giet applikata l-ligi hazin u li tali sentenza hija l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza sabiex b'hekk hemm il-bazi ghal ritrattazzjoni *a tenur* tal-**artikolu 811 (e) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**<u>L-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:</u>**

Illi l-ewwel Onorabbli Bord kien wasal ghal konkluzjoni li l-intimat hawn ritrattat, ma rnexxilux jissodisfa t-test impost mil-ligi li juri li r-raba' li taghha kienet qed tintalab ir-ripreza kienet tikkostitwixxi fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu. Din l-Onorabbli Qorti ghazlet li tiskarta din id-decizjoni a bazi ta' principji ta' ekwita` u dan billi f' pagna 7 iddikjarat illi "d-decizjoni tal-Bord ma hi xejn eminentement ekwa ghall-appellant".

Illi l-esponenti bir-rispett jissottomettu li b'dan il-mod din l-Onorabbli Qorti ghazlet li tapplika l-principji tal-ekwita minnflok ma applikat l-artikolu tal-ligi aktar 'il quddiem identifikat, kif kien messha ghamlet. Dan jammonta ghal applikazzjoni hazina tal-ligi.

Illi l-**artikolu 4 (2) tal-Kap199 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar it-Tigdid ta' Krin ta' Raba'**, jipprovdi hekk:

*Il-Bord jilqa' r-rikors ta' sid il-kera jekk sid il-kera jipprova li-*

*(a) jehtieg ir-raba' biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment ghal perijodu ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi li jibdew minnufih wara d-data tat-terminazzjoni;*

*Izda c-cirkostanza msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu ma tkunx raguni bizzejjed biex jigi milqugh ir-rikors ta' sid il-kera, jekk il-kerrej jipprova li r-raba' in kwistjoni jkun fonti importanti tal-ghajxien tieghu u tal-familja tieghu . .."* (sottolinejar mizjud mill-esponenti).

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet ghalhekk marbuta mat-test ta' dan l-artikolu sabiex tasal ghal konkluzjoni taghha dwar jekk ghandhiex tippermetti r-ripreza jew le. Dan l-artikolu jillimita d-diskrezzjoni tal-Qorti billi jimponi fuqha l-obbligu li ssib favur sid ir-raba' f'kaz illi tali raba' ma jkunx jikkostitwixxi fonti importanti ghall-ghixien tal-intimat. Dan l-artikolu ma jaghti l-ebda fakolta` lill-Qorti li tezamina jekk r-raba' huwiex fonti importanti ghal ghixien tal-intimat fil-qafas tal-introjtu kollu tieghu - kif ghamlet din l-Onorabbli Qorti f'pagna 7 tas-sentenza. Huma biss il-principji tal-ekwita invokati minn din l-Onorabbli Qorti li setghu jiggustifikaw l-applikazzjoni differenti ta' dan it-test minn dak li kellu f'mohhu l-legislatur billi nkorporat fih ukoll il-paragun bejn in-natura tal-qliegh li jisr mir-raba' in kwistjoni u l-bqija tal-introjtu tal-intimat. Fil-kaz odjern, kieku verament l-intimat kien jissodisfa t-test impost mil-ligi, din l-Onorabbli Qorti ma kienx jenhtiegilha li tinvoka l-ekwita' - kien ikun sufficjenti li tghid semplicement illi t-test impost mil-ligi gie fil-fatt sodisfatt. Mentri fil-kaz odjern hasset li kellha tibbaza d-decizjoni taghha fuq l-ekwita. Jigi osservat illi l-principji tal-ekwita m'ghandhomx isibu applikazzjoni fejn il-ligi tipprovdi b'mod car il-kriterji li jridu jigu applikati fil-kaz in ezami.

Illi din l-Onorabbli Qorti ghazlet illi tiskarta d-decizjoni moghtija mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' a bazi ta' principji ta' ekwita u dan billi f'pagna 7 iddikjarat illi "d-

decizjoni tal-Bord ma hi xejn eminentement ekwa ghall-appellant". Jidher ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti hasset illi kellha tapplika l-principju tal-ekwita sabiex tkun gusta mal-appellanti hawn ritrattat. Illi madanakollu l-principji tal-ekwita ma kellhom isibu l-ebda applikazzjoni fil-kaz odjern ghaliex jezisti l-provvediment tal-ligi li b'mod car u skjett jiddetta t-test li kellu jigi applikat minn din l-Onorabbli Qorti fl-ezami taghha u li kellu jigi applikat ghal kaz odjern.

Illi kieku din l-Onorabbli Qorti applikat, kif kien messha ghamlet, l-**artikolu 4 (2) tal-Kap l99 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba**, jirrizulta illi t-test impost minn dan l-artikolu ma giex sodisfatt mill-intimati hawn ritrattat.

**<u>L-artikolu 811 (l) tal-Kap 12 tal-Ligiiiet ta' Malta</u>**:

Illi fil-motivazzjoni minnha moghtija ghall-akkoljiment tal-appell tal-intimat hawn ritrattat, din l-Onorabbli Qorti kkumentat hekk: *"Kif taraha din il-Qorti jekk kif jirrizulta mill-provi, mhux kontestati, l-appellanti jibqalu Lm2,000 mill-attivita` tal-van impressed u jekk ukoll hu jigi li jitlef Lm600 u fuqhom mir-raba' li tieghu qieghed jintalab ir-ripreza ma jistax jinghad b'mod sigur u cert illi dak ir-raba' mhux sors importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja meta mqieghed fil-qafas tal-introjtu kollu tieghu."*

Din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi zball li jidher car mill-provi u dokumenti li gew pprezentati quddiem din l-Onorabbli Qorti ghas-segwenti ragunijiet:

a) L-introjtu shih tal-intimat m'huwiex dak ta' Lm2,600 kif indikat f'pagna 7 tas-sentenza izda huwa ta' Lm5,600. Dawn il-figuri waslet ghalihom l-istess Qorti meta f'pagna 9 tas-sentenza, fl-istadju fejn kienet ghaddiet biex tezamina t-test *tal-hardship,* osservat kif l-initmat ghandu Lm4,000 fis-sena bhala dhul mill-impjieg tieghu bhala *impressed* li minnhom ikkunsidrat li ghandu <u>Lm2,000</u> spejjez, Lm100 kull tomna raba' li b'kollox ghandu 26 tomna (kif jirrizulta mid-dokumenti u provi mressqa) u ghalhekk ghandu <u>Lm2,600</u> fis-sena ohra, u <u>Lm1,000</u> fis-sena dhul ta' imghax. Certament ghalhekk il-konkluzjoni li

s-Lm600 huma sors important ghall-ghixien tal-intimat meta tipparaguna dan mal-ammont ta’ Lm2,000 li ssemmi l-Qorti f’pagna 7 huwa totalment zbaljat ghaliex fil-verita` l-paragun irid isir bejn is-Lm600 u Lm5,600 li huwa l-introjtu shih tal-intimat. Dawn is-Lm600 certament li ma jistghux jitqiesu bhala fonti importanti ghall-ghixien tal-intimat meta l-paragun jsir b’mod gust u mhux kif indott mill-izball li ghamlet din l-Onorabbli Qorti x’hin kwotat il-figuri fis-sentenza taghha.

b) Jekk wiehed ihares biss lejn is-somma ta’ Lm1,000 imghax li l-intimat ghandu kull sena minn flus depozitati l-bank, jasal sabiex facilment jikkonkludi li l-kapital investit il-Bank huwa ghalhekk wiehed kunsiderevoli u ghalhekk jekk ser isir paragun kif ghamlet din l-Onorabbli Qorti, jrid jittiehed in konsiderazzjoni anke dan il-fatt - fatt li l-verita` tieghu giet stabbillita minghajr ebda dubju mix-xhieda stess tal-intimat u mir-rikonoxximent fis-sentenza stess da parti ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-esistenza ta’ dan l-introjtu; fatt li ma kien jenhtieg l-ebda interpretazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti ghaliex mhux kontestat billi l-informazzjoni relattiva giet fornita mill-istess intimat.

c) Bhala fatt irrizulta kif ir-raba’ li dwarha qed tintalab ir-ripreza tammonta ghal “6T.4S.0K ossia 1.5 wejbiet raba’ u li waqt l-access irrizultalna li circa tomna u nofs (1.5T) minnu kien attwalment mizrugh wicc patata fiiwaqt illi r-rimanenza ta’ circa hames t’itmiem (5T.0S.0K) kien mizrugh wicc tal-qamh” (estratt mehud mir-rapport tal-periti teknici tal-Bord ipprezentat minnhom f’Gunju 2006). Dan il-fatt gie ammess anke mill-istess intimat fix-xhieda tieghu (moghtija fil-5 ta’ Gunju 2006) u jfisser illi, ghalkemm hu semma kif huwa jaghmel Lm100 minn kull tomna raba’, dan kien peress illi r-raba’ li huwa saqwi jpatti ghal dak ir-raba’ li m’huwiex, bhal fil-kaz tal-maggjoranza tar-raba’ mertu tal-kawza odjerna. Dan ifisser ukoll illi huwa fatt mhux kontestat illi mill-hames tomniet li tinzergha qamh, mertu tal-kawza odjerna, ma jsirx qliegh ta’ Lm100 kif meqjus b’mod zbaljat minn din l-Onorabbli Qorti u li ghalhekk meta ghamlet il-paragun fuq imsemmi kienet ukoll indotta fl-izball dwar fatt li l-verita` tieghu hija bla ebda dubju eskluza kif hawn spjegat.

d) Bhala fatt jirrizulta mid-dokumenti pprezentati mill-intimat stess illi l-ispejjez li jridu jitnaqqsu mill-ammont minnu ppercepit mix-xoghol tieghu bhala *impressed* ma jammontawx ghal Lm2000 izda ghal anqas minn hekk. Issir referenza *ghat-returns* tat-taxxa li gew ipprezentati mill-intimat stess ghas-snin 1999, 2004 u 2005 minn fejn jirrizulta illi l-ispejjez dikjarati minnu fir-rigward tax-xoghol tieghu mal-gvern kienu ta' Lm1191, Lm1117 u Lm922. Dawn il-figuri jirreferu ghal spejjez relattivi ghal *fuel,* manutenzjoni tal-vetturi, licenzji u *insurances. '*

Ghal dawn il-motivi fuq imsemmija l-esponenti ritrattandi jitolbu bir-rispett l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni ohra mehtiega:

(i) thassar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-25 ta' Gunju 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Leonard u Josephine Calleja et vs Vestru Agius**;

(ii) tiddikjara u tiddeciedi illi ghandu jkun hemm smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi u dan *a tenur* ta' l-**artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

(iii) konsegwentement tordna s-smigh mill-gdid u tisma', taqta' u tiddeciedi mill-gdid il-kawza fl-ismijiet fuq premessi u fil-gudizju taghha tilqa' t-talba tar-ritrattandi ghall-izgumbrament tar-ritrattat mir-raba' maghrufa bhala "Habel tas-Swieqi" fil-limiti tar-Rabat, tal-kejl ta' circa sitt itmiem, bl-ispejjez kollha kontra l-istess ritrattat.

Rat l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza llum 27 ta' Lulju 2010.

Rat ir-risposta ta' Vestru Agius ID 881653 (M) ghar-rikors ta' rittrattazzjoni ta' Leonard u Josephine Calleja ID 877053 (M) u 533158 (M) rispettivament datata 6 ta' Awwissu 2010 a fol. 282 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi t-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha tigi michuda *stante* illi:-

**RIGWARD L-ARTIKOLU 811 (e)**

1. Illi hija kwistjoni biss ta' evalwazzjoni diversa mill-Qorti tal-Appell dwar il-provi, ossia kostatazzjoni u konferma ta' fatt divers minn dak raggunt mill-Bord rigward it-test impost mil-ligi biex tintalab ir-ripreza tar-raba' *de quo* u fl-istadju ta' tali analizi u kostatazzjoni u konferma ta' fatti ma seta' kien hemm, qatt applikazzjoni ta' ligi hazina, izda applikazzjoni biss tas-sens komun li jghinu biex iwassal lill-Gudikant sabiex serenament jikkonkludi liema fatt huwa l-aktar verosimili.

**RIGWARD L-ARTIKOLU 811 (l)**

2. Illi minkejja li fil-korp tar-rikors ta' ritratazzjoni hemm indikat bhala t-tieni agravvju l-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12** huwa ovvju li dan huwa zball fit-*typing* u r-ritrattanti riedu jindikaw bhala t-tieni aggravju l-**artikolu 811 (l) tal-Kap 12** u cioe' li d-decizjoni *"kienet ukoll l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza* stante *li d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu bla ebda dubju eskluza jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu kien stabbilit pozittivament".*

Illi anki dan l-aggravju ma jregix.

Illi bhala elementi li jikkostitwixxu din il-bazi ghar-revoka u kif osservat fis-sentenzi moghtija Appell Superjuri fl-ismijiet **"John Sammut vs Michael Zammit Tabone et"** deciza 22 ta' Jannar 2001 (Nru 527/81) u **"Gourmet Co Limited vs Mariano Vella"** tat-28 ta' Jannar 2005 (127/97), sabiex revoka ta' sentenza a bazi **tal-artikolu 811 (1)** tkun gustifikata jehtieg li l-izball ikun:-

*- zball materjali ta' fatt, b'rizultat ta' inadvertenza tal-Gudikant u mhux zball ta' kriterji jew interpretazzjoni.*

Cioe` meta certu fatt, minhabba li l-gudikant bi zball ma jkunx ra sew l-atti u dokumenti, gie prezunt mill-Gudikant, bhala ezistenti jew inezistenti. U mhux meta l-Gudikant deliberatament u b'mod razzjonali wara li analizza l-atti u

d-dokumenti kien sodisfatt bl-ezistenza *o meno* ta' certu fatt jew ta' interpretazzjoni tieghu;

- *zball car u manifest u cioe` li johrog mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti jew dokumenti tal-process, b'mod li l-inadvertenza konsegwentement nducietu;*

jissoponi l-ezistenza ta' fatt inkontrastabilment eskluz jew jissoponi l-inezistenza ta' fatt pozottivament stabbilit; Dan ifisser li jkun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li ghandha biss tifsira wahda u unika cioe` li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tieghu fis-sentenza juri li issupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b' hekk mexa fuq presuppost zbaljat.

- *zball determinat ghas-sentenza, cioe` meta l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt erronjement prezunta mill-Qorti, kienet "il-fundament ewlieni" tas-sentenza cioe` dak li iddetermina l-mod kif inghatat is-sentenza.*

Ghalhekk ma jkunx hemm bazi ghal revoka, jekk *nonostante* zball manifest, is-sentenza tista' tigi sorretta b' ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata.

- *il-fatt jehtieg li ma jkunx gie kontestat u deciz, jekk l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt in kwistjoni tkun giet dibattuta mill-partijiet u stabbilita anke fis-sentenza, ma hemmx bazi ghar-ritrattazzjoni.*

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-ritrattazzjoni tar-ritrattandi.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattandi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Settembru 2010 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Philip Sciberras, illi peress li l-iMhallef sedenti diga` ppronunzja ruhu fuq il-mertu tal-kaz, il-Qorti

rat l-artikolu 734 tal-Kap 12, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kawza ta' ritrazzjoni u baghtet l-atti lura lir-Registratur biex dan jassenjah lill-iMhallef iehor. Il-Qorti ordnat il-kancellament ta' dan l-appell minn fuq il-lista tal-appelli taghha.

Rat is-Surroga datata 30 ta' Settembru 2010 u rriappuntat dan l-Appell ghas-smigh tal-11 ta' Novembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2010 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Jacqueline Borg ghar-ritrattandi prezenti u Dr. Luciano Busuttil ghar-ritrattat prezenti. Dr. Jacqueline Borg talbet korrezzjoni fis-sentenza li fir-raba' (4) pagna tar-rikors taghha l-artikolu ghandu jigi ndikat bhala 811 (L) u mhux (E), u l-Qorti laqghet it-talba. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat- 30 ta' Marzu 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (e) u (l) tal-Kap 12** fejn ir-ritrattandi qed jitolbu li tigi revokata s-sentenza fl-ismijiet **"Leonard Calleja et vs Vestru Agius"** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Gunju 2010 (Rikors Numru 7/2001/GG) u tordna r-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza.

Illi r-ritrattandi qeghdin isejsu t-talbiet taghhom fl-ewwel lok fuq l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jipprovdi illi:-

*"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

[…]

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*

*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni".*

Illi hawn issa qed tintalab li ritrattazzjoni fuq il-binarji indikati fir-rikors odjern u dwar l-istess jinghad qabel xejn li huwa principju sancit fil-gurisprudenza nostrali u affermat fis-sentenza **"A vs B"** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mil-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **"Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) u **"Mario Gauci et vs Joseph Gauci"** (A.C. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008); **"Josephine Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. – 29 ta' Jannar 2010) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandu dejjem:-

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi l-Qrati taghna gew diversi drabi affaccjati b'talbiet simili a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u l-gurisprudenza f'dan is-sens hija wahda kostanti. Sentenza ricenti u rilevanti f'dan is-sens u li tissintetizza l-hsieb tal-Qrati lokali f'dan l-ambitu hija **"Malta Development Corporation vs Medcast Foundry Limited"** (A.C. – 14 ta' Ottubru 2008) li rriteniet illi:-

*"In tema legali jigi osservat illi jinsab stabbilit illi fil-gurisprudenza, li fil-kaz ta' ritrattazzjoni bbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli. Ghalhekk f'dan l-istadju m'ghandux isir ezami mill-gdid tal-fatti tal-kawza u lanqas jigu ivvalutati jew interpretati mod iehor ghajr kif gew diterminati u vvalutati fis-sentenza impunjata. [App. S. Xuereb utrinque 20.1.1992]. Per vedere se vi sia male applicazione della legge deve predersi per **unica base il fatto come stabbilito** dalla Corte della sentenza impugnata." [Vol. XXVII.I.43)".*

Illi hu stabbilit illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta illi l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina ghall-fatti, u mhux jekk tapplika l-ligi ghal dawk il-fatti hazin. Kif inghad fis-sentenza **"Mare Ble Tuna Farm Ltd. vs Dr. Louis Cassar Pullicino nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2010) *"L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi, tikkonkretizza ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni espressa*

*tal-ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti."*

*"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew valutati u nterpretati fis-sentenza attakkata".*

*"Ikun hemm lok ta' interpretazzjoni fuq dan il-motiv jekk fuq dawk il-fatti ppruvati, ikun jidher illi l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi minflok ohra li kellha proprjament tigi applikata …. [cioe`] applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi tajba b'mod hazin."* (sottolinear tal-Qorti).

Illi f'dan is-sens hemm serje ta' sentenzi ohra fuq dan il-punt fosthom **"Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar"** (A.C. - 6 ta' April 2005); **"Alfred Grech et vs Joseph Muscat et"** (A.C. - 28 ta' Jannar 2005); **"Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004); **"Guido Vella J A & CE vs Dr. Emmanuel Cefai"** (A.C. 27 ta' Marzu 2003); **"Emmanuel Demanuele et vs Fast Food Services Ltd"** (A.C. - 2 ta' Gunju 2003); **"Michael Charles Gauci vs Alfred Vella pro et noe"** (A.C. - 10 ta' Ottubru 2003); u **"Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius"** (A.C. - 24 ta' Novembru 2003).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li l-lamentela tar-rikorrenti hija li l-Qorti ddecidiet l-appell quddiemha fuq il-bazi ta' ekwita', u dan ir-rikorrenti bbazah fejn fit-tieni paragrafu fis-sentenza tal-25 ta' Gunju 2010 l-Qorti qalet li *"Minn din l-ottika d-decizjoni tal-Bord ma hi xejn eminentement ekwa ghall-appellanti".* Minn hawn ir-rikorrenti kkonkluda li l-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kaz skont il-principji ta' ekwita' u mhux skont il-ligi.

Illi izda dan ma huwa minnu xejn ghaliex sabiex wiehed ikun gust mal-istess decizjoni (jekk mhux mieghu nnfisu) trid issir riferenza ghal dak kollu li nghad fis-sentenza u

meta jsir dan ma hemm l-ebda dubju li l-Qorti tal-Appell kif diversament presjeduta ddecidiet il-kaz fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 4 (2) (a) tal-Kap. 199** li huwa msemmi espressament fis-sentenza (pagna 5) u fejn jinghad li sabiex ir-rikorrenti ikunu jista' jirriprendi r-raba' skont l-istess artikolu jrid (a) jipprova li ghandu bzonn ir-raba' ghalih personalment jew xi membru tal-familja tieghu biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli u dan hu rekwizit *sine qua non* li ghandu jissodisfa lill-Bord **("Jane Calleja et vs Francesco Calleja et" –** A.I.C. – 6 ta' Ottubru 2000); (2) hemm bzonn imbaghad konkors ta' zewg kundizzjonijiet imposti bil-provi skont il-ligi u cjoe *"sew li l-kerrej jipprova li r-raba' hu fonti importanti tal-ghixien tieghu u tal-familja kemm li l-Bord ikun sodisfatt illi l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk it-talba tigi milqugha. Rilevanti li jigi sottolineat illi jekk l-ewwel kundizzjoni ma tirrikorrix ma jkunx hemm htiega li tigi nvestita l-kondizzjoni l-ohra relattiva ghal hardship. Ara **"Bondin vs Demicoli"** Appell Civili, 13 ta' Ottubru, 1997, **"Mifsud vs Fenech"** Appell Civili, 9 ta' April 1979, u **"D'Anastasi vs Borg"** Appell Civili, 2 ta' Novembru 1983".*

Illi minn hemm il-Qorti tal-Appell waslet biex ikkunsidrat l-appell fuq il-bazi tat-tieni element rikjest sabiex tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrenti u cjoe' l-bzonn tal-intimat, u sabiex taghmel dan evalwat u tat l-apprezzament taghha ghall-fatti li kellha quddiemha u kkonkludiet li r-raba' *de quo* kien sors importanti ghall-ghejxien tieghu u tal-familja tieghu meta mqieghed fil-qafas ta' introjtu kollu tieghu. Fil-fatt inghad li in sintonija mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Nazzareno Farrugia vs John Aquilina"** (A.I.C. – 29 ta' April 1996) *"in-nuqqas ta' l-istess raba' jkun ifisser ghall-inkwilin tbatija u sagrificcju li jaffetwa negattivament il-kwalita' tal-hajja tieghu. Dan b'mod sostanzjali anke jekk relattiv u mhux assolut".* Kien hawn li l-Qorti uzat il-kliem indikat fir-rikors odjern u cjoe' *"Minn din l-ottika d-decizjoni tal-Bord ma hi xejn eminentement ekwa ghall-appellanti".*

Illi izda minn dan certament ma jistax jinghad li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin, anzi jidher car li l-Ligi li kellha tigi applikata giet fil-fatt applikata mill-istess Qorti u kull

ma ghamlet il-Qorti tal-Appell kien biss li interpretat il-provi li kellha quddiemha ghall-istess disposizzjonijiet legali. Fil-fatt, stabbilit li dan l-element ta' bzonn tar-raba' mill-intimat fit-termini tal-ligi gie sodisfatt, il-Qorti ghaddiet sabiex tezamina l-ahhar element ta' *hardship*, u dan kollu skont id-disposizzjonijiet tal-ligi u l-**artikolu** hemm citat, u allura f'dan l-isfond jinghad li kull ma sar fl-istess decizjoni kien biss evalwazzjoni tal-fatti quddiemha, fil-kuntest tal-appel li sar quddiemha, fejn il-ligi kienet applikata sew, u certament li ma hemm ebda l-lok ghar-ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12.**

Illi fil-fatt inghad li *"biex ikun hemm lok ta' ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat t-tajba b'mod hazin"* (**"Reginald Micallef et noe. Vs Godwin Abela et noe"** A.C. – 3 ta' Gunju 1994); **"A.I.C. Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici"** – A.C. – 17 ta' Frar 2003; **Guido J. Vella A & CE vs Dr. Emanuel Cefai LL.D.** – A.C. – 5 ta' Ottubru 2001; **"Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri"** – A.C. – 27 ta' Marzu 2003; **"Charles Michael Gauci vs Alfred Vella pro et noe et"** – A.C. – 10 ta' Ottubru 2003) u la darba dan mhux kaz ta' applikazzjoni hazina ta' ligi isegwi li ghalhekk din il-bazi ta' ritrattazzjoni qed tigi michuda ghaliex hija ghal kollox bla bazi u nfondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn indikat.

Illi t-tieni bazi ta' ritrattazzjoni hija dik ibbazata fuq l-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** cioe` li s-sentenza *"kienet ukoll l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza stante li d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu bla ebda dubju eskluza jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu kien stabbilit pozittivament".*

Illi bhala elementi li jikkostitwixxu din il-bazi ghar-revoka u kif osservat fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **"John Sammut vs Michael Zammit Tabone et"** deciza fit-22 ta' Jannar 2001 (Nru 527/81) u **"Gourmet Co Limited vs Mariano Vella"** tat-28 ta'

Jannar 2005 (127/97), sabiex revoka ta' sentenza a bazi tal-**artikolu 811 (l)** tkun gustifikata jehtieg li l-izball ikun:-

- *zball materjali ta' fatt, b'rizultat ta' inadvertenza tal-Gudikant u mhux zball ta' kriterji jew interpretazzjoni.*

Cioe` meta certu fatt, minhabba li l-gudikant bi zball ma jkunx ra sew l-atti u dokumenti, gie prezunt mill-Gudikant, bhala ezistenti jew inezistenti. U mhux meta l-Gudikant deliberatament u b'mod razzjonali wara li analizza l-atti u d-dokumenti kien sodisfatt bl-esiztenza *o meno* ta' certu fatt jew ta' interpretazzjoni tieghu;

- *zball car u manifest u cioe` li johrog mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti jew dokumenti tal-process, b'mod li l-inadvertenza konsegwentement inducietu;*

Illi dan jissoponi l-ezistenza ta' fatt inkontrastabilment eskluz jew jissoponi l-inezistenza ta' fatt pozittivament stabbilit; dan ifisser li jkun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li ghandha biss tifsira wahda u unika, cioe` li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma ndunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tieghu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b' hekk mexa fuq presuppost zbaljat.

- *zball determinat ghas-sentenza, cioe` meta l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt erronjament prezunta mill-Qorti, kienet "il-fundament ewlieni" tas-sentenza cioe` dak li ddetermina l-mod kif inghatat is-sentenza.*

Illi ghalhekk ma jkunx hemm bazi ghal revoka, jekk *nonostante* zball manifest, is-sentenza tista' tigi sorretta b' ragunijiet ohra ndipendenti minn dik zbaljata.

- *il-fatt jehtieg li ma jkunx gie kontestat u deciz, jekk l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt in kwistjoni tkun giet dibattuta mill-partijiet u stabbilita anke fis-sentenza, ma hemmx bazi ghar-ritrattazzjoni.*

Illi fil-kuntest ta' pretiza ta' revoka tas-sentenza appellata a bazi tal-**artikolu 811 (l)** ir-ritrattatandi jilmentaw li l-Qorti mxiet fuq introjtu zbaljat li effettivament kellu l-intimat mix-xoghol tieghu ta' *impressed driver,* li kellu introjtu iehor ta' imghax, li l-qliegh mir-raba' kien inqas minn dak li l-Qorti waslet ghalih, u li l-ispejjez li tnaqqsu mill-introjtu tieghu kienu inqas minn dak indikat mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha u allura l-istess rikorrenti sostnew li dan jammonta ghal *"zball li jidher mill-atti tal-kawza stante li d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu bla ebda dubju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu kien stabbilit pozittivament".*

Illi minn ezami ta' l-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell jirrizulta li kull ma ghamlet l-istess Qorti huwa li nterpretat il-fatti li kellha quddiemha u dan billi effettivament ezaminat il-provi u d-dokumenti li kellha quddiemha u tat l-interpretazzjoni taghha dwar l-istess u certament li dan ma fih innifsu jeskludi l-applikazzjoni ta' din il-bazi ta' ritrattazzjoni. Fil-fatt dan l-artikolu japplika biss fil-kaz li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew li s-supposizzjoni li ma jesiztix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza (**"Herbert Baldacchino nomine vs Cecil Pace et noe"** – A. C. – 22 ta' April 2004).

Illi f'dan il-kaz jidher car mill-istess sentenza li l-introjtu tal-intimat kien oggett ta' kontestazzjoni u l-element ta' bzonn ta' l-istess raba' fil-kuntest tad-dhul ta' l-intimat kien il-mertu, jew wiehed mill-punti li kellha tiddecidedi l-istess Qorti, tant li l-appell quddiemha kien proprju bbazat fuq dan, u hawn issir riferenza ghall-appell interpost minn Vestru Agius datat 3 ta' Frar 2010, u wkoll ghar-risposta tal-appell tar-ritrattandi datata 12 ta' Marzu 2010, fejn proprju fl-istess risposta r-ritrattandi qed f'paragrafu 2 tal-istess jikkontesta l-ammont ta' spejjez li l-intimat jallega li kellu; l-istess jinghad dwar l-ammont ta' raba' li kien jahdem l-intimat, suggett konsidrat fit- tielet (3) paragrafu tal-istess risposta tal-appell. Dan huwa bizzejjed sabiex

f’dan l-ambitu jigi kkonsidrat li dak li ghamlet il-Qorti tal-Appell kien li hija kkonsidrat proprju l-aggravji ta’ fatt li kellha quddiemha u dan attivament b’dan li l-punti hawn imqajma f’din il-procedura gew attivamwent ikkonsidrati mill-istess Qorti fil-konsiderazzjonijiet u motivazzjoni taghha tas-sentenza u allura f’dan il-binarju ma jistax jinghad li l-allegazzjoni tar-ritrattand hawn vantata hija b’xi mod fondata, anzi jirrizulta li tali bazi hija inapplikabbli ghall-kaz odjern u ghalhekk anke din il-pretensjoni ta’ ritrattazzjoni qed tigi michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa’ r-risposta tar-ritrattat Vestru Agius datata 6 ta’ Awwissu 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talba tar-ritrattandi Leonard Calleja et fir-rikors taghhom ta’ ritrattazzjoni datat 23 ta’ Lulju 2010** peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattandi Leonard u Josephine Calleja.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------